MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 298/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Arnold u Rose mizzewgin Farrugia, u**
**Jacobs International Transport Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-24 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 30 ta' Settembru 2004, (Dok. A), u permezz tal-iskrittra privata datata 25 ta' Mejju 2005 (Dok. B), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Arnold u Rose mizzewgin Farrugia;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Arnold u Rose mizzewgin Farrugia fis-somma ta' mitejn u tlettax-il elf, mija u wiehed ewro u hamsa u sebghin centezmu (€213,101.75) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta'

Arnold u Rose mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C2, Dok. D1 sa D4, u Dok. E1 sa E2) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil datat 26 ta' Settembru 2002 (Dok. F) u ta' skrittura privata datata 11 ta' Mejju 2005 (Dok. G), is-socjeta' konvenuta Jacobs International Transport Limited iggarantiet flimkien u *"in solidum"* ma' Arnold u Rose mizzewgin Farrugia ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Arnold u Rose mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin ewro (€163,056.00);

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B, F u G), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Arnold u Rose mizzewgin Farrugia u s-socjeta' Jacobs International Transport Limited,
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Arnold u Rose mizzewgin Farrugia u s-socjeta' Jacobs International Transport Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 25 ta' Awwissu 2010 li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarkati Dok. H u Dok. I, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet

tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezebiti rispettivament bhala Dokumenti A, B, F u G) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Arnold u Rose mizzewgin Farrugia u s-socjeta’ Jacobs International Transport Limited (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Arnold u Rose mizzewgin Farrugia u s-socjeta’ Jacobs International Transport Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil konvenuti Arnold u Rose mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta’ attrici flimkien u ”*in solidum”* bejniethom u mal-konvenuta socjeta’ Jacobs International Transport Limited is-somma ta’ mitejn u tlettax-il elf, mija u wiehed ewro u hamsa u sebghin centezmu (€213,101.75) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Arnold u Rose mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C2, Dok. D1 sa D4, u Dok. E1 sa E2) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Jacobs International Transport Limited thallas lis-socjeta’ attrici flimkien u ”*in solidum”* ma’ Arnold u Rose mizzewgin Farrugia s-somma ta’ mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin ewro (€163,056.00) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Arnold u Rose mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C2, Dok. D1 sa D4, u Dok. E1 sa E2) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta’ Lulju 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 25 ta' Awwissu 2010 kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-konvenut Arnold Farrugia pro et noe datata 16 ta' Frar 2012 li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tas-16 ta' Frar 2012;

Il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u n-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Arnold Farrugia pro et noe, qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti Arnold u Rose mizzewgin Farrugia in solidum bejniethom ihallsu lil bank attur is-somma ta' mitejn u tlettax-il elf, mija u wiehed ewro u hamsa u sebghin centezmu (€213,101.75) u lis-socjeta Jacobs International Limited qua garanti u in solidum mal-konvenuti l-ohra s-somma ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin ewro (€163,056.00) liema somma tifforma parti u hi inkluza fis-somma globali ta' €213,101.75, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------